KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 65

**Il-Ħamis 4 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:30 ta' filgħaxija. Minħabba li ma kienx hemm quorum, kien hemm stennija ta' 20 minuta sakemm waslet it-tielet persuna u l-laqgħa setgħet tibda. Il-laqgħa bdiet fit-7:50pm.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

65.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Fenech minħabba li kien marid.

65.1.3 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Mifsud kien infurmaha permezz tat-telefon li kien se jittardja minħabba li kellu xogħol urġenti fl-uffiċċju u għaldaqstant ma setax ikun fil-ħin izda li kien se jattendi għal-laqgħa xorta waħda.

65.1.4 Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji mressqa.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

65.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Kien hemm zewġ settijiet ta' minuti, tal-laqgħa preċedenti u dik mizmuma b'urġenza.

65.2.2 Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u għaldaqstant iz-zewġ settijiet ta' minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 65.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1 Is-Sindku għamel riferenza għall-attività tal-ġemellaġġ li kienet marret tajjeb ħafna. L-iskoċċizi kollha kienu ħadu gost ħafna f'kull attività li nzammet u ta' dan xtaq jirringrazzja lill-istaff kollu.

65.3.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex issa tipprova tmexxi bix-xogħlijiet pendenti li kien hemm. Is-SE infurmat li kienet se tagħmel mill-aħjar biex is-sitwazzjoni fl-uffiċċju titreġġa' għan-normal għaliex matul dawn l-aħħar xahrejn jew tlieta l-ħin kollu tal-amministrazzjoni kien ikkunsmat maġġorment fuq xogħlijiet ta' awditjar, l-applikazzjoni tat-torri tal-arloġġ kif ukoll l-organizzazzjoni tal-attivitajiet tal-ġemellaġġ. Hija fakkret ukoll li wieħed mill-impjegati kien nieqes minħabba li kien marid fit-tul u għaldaqstant hemm pressjoni ikbar.

## 65.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

65.4.1 *Il-Kunsillier Mifsud: Jixtieq ikun jaf x'inhi l-pozizzjoni tal-Kunsill rigward l-Isolation Hospital:*

65.4.2 Minħabba li l-Kunsillier Mifsud kien għadu ma wasalx kien hemm qbil li dan il-punt isir aktar tard fil-prezenza tiegħu.

## 65.5 Talba għal kwotazzjonijiet lill-periti għal xogħlijiet diversi madwar il-lokalità

65.5.1 Is-SE infurmat li l-periti kienu baqgħu ma għaddewx il-pjanijiet u l-kwotazzjonijiet meħtieġa. Min-naħa l-oħra hija infurmat li għada kienet tagħlaq l-applikazzjoni tal-fondi għar-restawr tal-arloġġ u l-bini tal-*interpretation centre* u għaldaqstant kienet qed tispera li jkollhom ċans jiddedikaw aktar ħin fuq dawn it-talbiet l-oħra hekk kif jgħaddi kollox.

## 65.6 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart għal Jannar-Marzu 2017

65.6.1 Is-SE prezentat kopja tar-rapport finanzjarju fejn juri li l-Kunsill spiċċa l-ewwel kwart b'indikatur finanzjarju ta' 11% filwaqt li fakkret li hemm €95,000 marbutin minħabba l-proġett tal-arloġġ.

65.6.2 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju.

## 65.7 Ftuħ ta' zewġ kontijiet bankarji

65.7.1 Is-SE infurmat li l-*accountant* tal-Kunsill kienet irrakkomandat li l-Kunsill jiftaħ zewġ kontijiet bankarji (fissi) li jiġġeddu kull tlett xhur sabiex wieħed jieħu ftit interessi, wieħed għall-ammont ta' €70,000 u ieħor għall-10% li l-Kunsill suppost jispiċċa s-sena biha, jiġifieri madwar €25,500.

65.7.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 65.8 Ġemellaġġ ma' Pumpherston fl-Iskozja

65.8.1 Is-Sindku informa li huwa kien diġà għadda l-kummenti tiegħu fuq dan il-punt. Is-SE infurmat li kienet sodisfatta ħafna kif marru l-affarijiet għaliex kien jidher li genwinament kienet zjara memorabbli ghall-Iskoccizi kollha. Mil-lat negattiv, hija rrimarkat li għalkemm lejn l-aħħar kien hemm involviment min-naħa tal-entitajiet u anke xi kunsilliera, kienet inħasset ħafna n-nuqqas ta' parteċipazzjoni matul is-sessjonijiet ta' filgħodu. Mill-bqija kollox mar ħarir u issa kien se jinbeda l-proċess biex jimtela l-*final report* u jibdew isiru l-ħlasijiet varji lill-kuntratturi.

65.8.2 Is-Sindku rringrazzja lill-entitajiet kollha li laqgħu l-grupp bi ħġarhom u attendew għall-attivitajiet fejn setgħu.

## 65.9 Applikazzjoni għall-fondi tal-ERDF għar-restawr tat-torri tal-arloġġ u bini ta' *interpretation centre*

65.9.1 Is-SE infurmat li għada kienet tagħlaq id-*deadline* għall-applikazzjoni. Hija infurmat li minħabba li kien hemm problema mal-Kurja, kien hemm qbil li l-*interpretation centre* titressaq biex tiġi kompletament fuq l-art tal-Awtorità tad-Djar li ma kinux sabu oġġezzjoni għal dan ix-xogħol. Min-naħa l-oħra, is-SE infurmat li issa kien se jkun hemm kirja ta' €3450 fis-sena fuq din il-kamra. Il-Kunsill kollu qabel ma' dan kollu.

## 65.10 Kommunikazzjoni minn GreenMT dwar ġbir ta' skart riċiklabbli

65.10.1 Is-SE infurmat li min-naħa tal-GreenMT kienu qed jgħidu li l-ġabra tal-iskart riċiklabbli mhux tilħaq il-livelli mixtieqa u għaldaqstant huma kienu qed jipproponu li jew titnaqqas għal darba fil-ġimgħa inkella jagħmel il-ġabra l-Kunsill inniffsu.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill m'għandux jaċċetta ebda minn dawn iz-zewġ proposti, anke fid-dawl li sa ftit inqas minn sena ilu, il-lokalità tal-Imtarfa kellha numru konsiderevoli ta' skips u li fihom kienu jintefgħu l-aktar boroz suwed bi skart imħallat. Għaldaqstant il-Kunsill iħoss li l-Imtarfa għamlet titjib kbir u dawn jixhduh ukoll ir-rekords li hemm dwar il-ġbir ta' kemm il-borza s-sewda kif ukoll il-griza u l-iffrankar ta' ħlasijijiet għal *tipping fees* lill-Wasteserv.

65.10.2 Is-SE kienet se tibgħat kommunikazzjoni lura lil GreenMT f'dan ir-rigward.

## 65.11 Direttiva Nru. 2 – Estimi Annwali u Rapporti Finanzjarji ta' kull kwart

65.11.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' din id-direttiva lill-Kunsilliera kollha.

## 65.12 Kommunikazzjoni min-naħa tal-president tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill;

65.12.1 Minħabba li l-Kunsillier Mifsud kien għadu ma wasalx, kien hemm qbil li dan il-punt jinqabez.

## 65.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

65.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 65.14 Mozzjonijiet

65.14.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 65.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.15.1 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-8:17pm.

65.15.2 Il-laqgħa intemmet fit-8:20pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Ġunju 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 5 ta' Ġunju 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |